MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-6 ta' April, 2005

Appell Civili Numru. 559/2002/1

**Master Distributors Limited**

**vs**

**Antoine Degiorgio**

**Il-Qorti,**

Fit-23 ta' Settembru, 2004, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-8 ta' Marzu 2002 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm430.26 (erba` mija u tletin Lira Maltin u sitta u ghoxrin centezmu) ammont dovut ghal merkanzija mibjugha u kkonsenjata.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-
Ammont bilancjali dovut ghall-merkanzija mibjugha mis-socjeta` attrici lill-konvenut.

Bl-ispejjez tal-prezenti, tal-ittra interpellatorja tad-9 ta' Jannar 2002, u bl-imghax legali; mit-12 ta' Lulju 2001, data ta' l-ahhar konsenja sal-effettiv pagament kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-
Illi l-ammont mitlub ma huwiex dovut mill-konvenut imma minghand terzi u dan jafuh ben tajjeb l-attur;

Illi l-konvenut ma ghandu l-ebda relazzjoni ma' l-atturi u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:
Illi x-xhieda moghtija minn certu Angelo Spiteri u dik in risposta moghtija mill-konvenut fis-seduta tal-24 ta' Settembru 2004, huma lampanti u jipprovdu s-soluzzjoni ghal din il-vertenza.

Id-definizzjoni moghtija mill-istess konvenut dwar l-arrangament ezistenti bejnu, Angelo Spiteri u Joe Camilleri hija ferm illuminanti.

Il-versjoni minnu moghtija f'dik is-seduta hija ferm differenti minn dik tas-seduta tal-15 ta' April 2003. Id-diversita' fl-interpretazzjoni ma tagevola xejn fil-konfront tieghu. It-Tribunal ta' bilfors irid jaghti affidament lix-xhieda ta' Mario Chetcuti salesman tas-socjeta attrici.

Filwaqt illi japprezza n-nuqqas tas-socjeta attrici li tikkjama fil-kawza liz-zewg persuni l-ohra in vista tas-

solidarjeta kummercjali, it-Tribunal ma jista` japprezza dan in-nuqqas da parti tal-istess konvenut. Jekk kien bi shab ghal ta’ l-anqas fil-profitt, kif minnu allegat, il-fornituri kien jafu b’ dan l-arrangjament. Anzi meta gie biex jitlaq, ha hsieb li jara li Camilleri jiehu l-istokk li baqa u jhallashom.

Jekk kien profit sharing biss f'hiex jidhol?

It-Tribunal huwa tal-ferma opinjoni li l-versjonijiet minnu moghtija mhux verosimili u / jew affidabbli . Mhux hekk biss izda s-socjeta attrici ezawriet id-dover taghha li tipprova l-kaz almenu fuq bilanc ta’ probabilitajiet.

Jiddecidi billi jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut jilqa it-talbiet attrici u jikkundanah ihallas is-somma ta’ erba' mija u tletin Lira u sitta u ghoxrin centezmu (Lm 430.26) lis-socjeta attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.”

Il-konvenut ressaq appell minn din is-sentenza li bih talab ir-revoka taghha bl-aggravju li jikkonsisti purament fi kritika ta’ l-apprezzament tal-provi li sar mit-Tribunal. Huwa jenfasizza illi qatt ma assuma responsabilita` ghall-hlasijiet ta’ provvisti li saru lil bar;

Is-socjeta` attrici wiegbet ghal dan l-aggravju billi preliminarjament issollevat in-nullita` u l-irritwalita` ta’ l-appell ghar-ragunijiet stabbiliti fis-subinciz (2) u (3) ta’ l-Artikolu 8 ta’ l-Att V ta’ l-1995; Fit-tieni lok u fil-meritu ssenjalat l-inkonsistenza fix-xhieda tal-konvenut appellant;

Brevement il-fatti in diskussjoni huma kif gej:-

(1) L-*invoices* esebiti minn fol. 24 sa fol. 30 juru li s-socjeta` attrici kkonsenjat provvisti lil Cross Road Bar. Id-dati fuq dawn l-*invoices* ivarjaw mill-15 ta’ Frar 2001 sat-12 ta’ Lulju 2001;

(2) Jinghad li l-firmatarji fuq dawn il-fatturi huma Angelo Spiteri u Victoria Zammit, *maid* fl-istess bar. Kienu dawn li hadu konsenja tal-provvisti. Pero` skond ix-xhud

Angelo Spiteri, il-konvenut kien *manager* bhalu fil-bar u “konna nordnaw u nhallsu l-affarijiet jew jien jew il-konvenut” (fol. 53);

(3) Mario Chetcuti, sales representative tas-socjeta` attrici, jghid li l-ordnijiet kienu jsiru minn Angelo Spiteri (fol. 21). Hu pero` accetta li jipprovdi l-merce ghax kellu assikurazzjoni minghand il-konvenut peress li kien jaf lil dan izda mhux lil Angelo Spteri;

(4) Ix-xhud Angelo Spiteri jistqarr li hu kellu x’ jaqsam mal-bar minn Dicembru 2000 sa l-ahhar ta’ Lulju 2001. Il-konvenut jghid li hu beda f’ Mejju 2001 u telaq f’ Awissu 2002 (fol. 35);

(5) Dejjem skond Angelo Spiteri, meta s-sid ha lura l-post il-kontijiet pendenti kellu jhallashom Joe Camilleri (fol. 54). Dan Camilleri kien *operating partner* flimkien mieghu u l-konvenut;

(6) Jirrizulta li dawn kienu joperaw il-bar “*on profit sharing system*”. Jigifieri dak li jibqa’ wara li jithallsu l-pagi ta’ l-impjegati u l-ispejjez ta’ l-affarijiet jinqasam bejn tlieta. Ara xhieda ta’ Angelo Spiteri (fol. 53), kif ultimament konfermata mill-konvenut fit-tielet darba li ddepona (fol. 58);

(7) Il-konvenut jghid li f’ ebda mument ma assuma r-responsabilita` tal-hlas;

Fl-apprezzament li t-Tribunal ghamel ta’ dawn il-provi huwa sab li ma kellux jaccetta l-versjoni tal-konvenut appellant li dan ma kellux x’ jaqsam mal-hlas domandat mis-socjeta` attrici. Anzi, addirittura, irraguna fuq il-mod kif xehed l-appellant biex stabbilixxa illi din l-istess versjoni tieghu ma kienetx attendibbli u verosimili;

Dan premess, in vista tal-pregudizzjali sollevata mis-socjeta` attrici jokkorri jigi ezaminat is-sustanza ta’ l-appell biex jigi determinat qabel kollox jekk dan l-appell

jinkwadrax ruhu fil-qafas limitattiv li l-ligi specjali takkorda lil min ikun irid jappella minn decizjoni tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar;

Certament l-appellant ma jistax jibbaza l-appell tieghu fuq id-dispost tas-subinciz (3) ta’ l-Artikolu 8 ta’ l-Att ghax dan hu mill-fatti eskluz, gjaladarba l-ammont mitlub u kanonizzat hu nferjuri ghal hames mitt lira (Lm500);

Strettament l-appellant imkien fil-korp ta’ l-appell tieghu ma jippreciza fuq liema konsiderazzjoni legali huwa jsostni l-bazi ta’ l-aggravju tieghu. Huwa semplicement jillimita ruhu ghall-kritika ta’ l-apprezzament tal-provi li ghamel it-Tribunal u xejn aktar. Il-ligi pero` teskludi wkoll appell f’ dan is-sens, anke ghaliex fis-subinciz (2) telenka f’ liema cirkostanzi tassattivi kien permissibbli appell lil din il-Qorti minn decizjoni tat-Tribunal;

Eliminati l-ewwel tliet subparagrafi (a, b u c), anke kieku kellha din il-Qorti tezamina l-aggravju fil-parametri tas-subparagrafu (d) xorta wahda ma ssibx li dan jista’ jigi sostenut. Dan qed jinghad in kwantu minn dan l-istess aggravju din il-Qorti ma ssibx li t-Tribunal “b’ mod gravi mar kontra d-dettami ta’ l-imparzjalita` u ta’ l-ekwita` skond il-ligi”. Eskluz kull riflessjoni dwar l-imparzjalita`, il-fatt li t-Tribunal ghazel li ma jaghtix affidabilita` lill-versjonijiet ta’ l-appellant ma jgibx ghaldaqhekk illi sar gudizzju difettuz mil-lat ekwitattiv, jew li d-decizjoni kienet tikkozza ma’ dak li jissokta jinghad fl-imsemmi subparagrafu, u cjoe li “dik l-azzjoni tkun ippregudikat il-jeddijiet ta’ min jappella”;

Ma hemm xejn fid-decizjoni appellata li jaghti support lil dan l-element tal-pregudizzju. Kull ma ghamel it-Tribunal kien valutazzjoni tal-provi prodotti u, tajjeb jew hazin, minn din l-istess valutazzjoni kkonvinca ruhu li l-versjonijiet ta’ l-appellanti ma kienux fededenji ta’ akkoljiment tad-difiza minnu sostenuta. Jitnissel minn dan illi d-decizjoni kienet fondata unikament fuq konsiderazzjonijiet fattwali

emergenti mill-provi. Senjatament li kien hemm tliet *partners* jiggestixxu l-bar, ilkoll kompartecipi fil-qsim tal-profitti rizultanti wara li jitnaqqsu l-ispejjez u hlasijiet konnessi u relattivi ma’ din l-istess gestjoni. L-appellanti ma kienx is-semplici impjegat li fl-ewwel deposizzjonijiet tieghu ttanta jaghti x’ wiehed jifhem li kien, imma sieheb attiv fil-gestjoni, kif kellu jikkoncedi u jammetti wara li nghatat ix-xhieda ta’ Angelo Spiteri;

In bazi ghal dawn il-konsiderazzjonijiet l-appell allura ma jistax jigi sostenut u, anzi, f’ termini procedurali kien improponibbli.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi rigettat u s-sentenza appellata, konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------